

# L-Involviment tal-Każin Pinto fix-Xena Politika fis-Seklu Dsatax

*Kitba ta' Edward Montebello B.A. (Hons.) History*

Is-Soċjeta' Filarmonika Pinto taf il-bidu tagħha fis-sena 1862. Lejn it-tieni nofs tas-seklu dsatax is-soċjeta' Maltija' kienet qiegħda tinfetaħ. Kien żmien meta l-popolazzjoni Maltija rduppjat u kienet tgħodd mal-mitejn elf ruħ. Il-Każin Pinto ma kienx l-ewwel każin li fetaħ f'Malta iżda kien minn ta' l-ewwel biex rawwem kultura flimkien ma' ċelebrazzjonijiet ta' festi reliġjużi u oħrajn, bħal ngħidu aħna l-karnival.

### Twelid tal-Partiti Politiċi

Fi żmien meta l-Każin jaf il-bidu tiegħu, Malta kienet tirrispondi lil kuruna Ingliża filwaqt li twieldu l-partiti politiċi. Kien żmien meta l-kwistjoni tal-lingwa bdiet tixgħel il-fjamma tagħha filwaqt li f'Malta kien ġa hawn il-libertà ta' l-istampa mogħtija fl-1839 wara insistenza b'mod partikolari minn Geroge Mitrovich u Camillo Sceberras. Il-kwistjoni tal-lingwa fetħet rivalità bejn dawk favur l-Ingliż u dawk favur it-Taljan. Ir-rapport ta' Keanen fl-1878 qajjem terrimot f'Malta u hekk twieldu l-partiti politiċi. Għall-bidu kien hemm żewġ partiti bl-isem tar-riformisti u l-anti-riformisti.

M'hiex ħaġa kbira li l-baned Maltin spiċċaw jiżfnu f'nofs il-kontroversji politiċi ta' dak iż-żmien, hekk li nsibu diversi personalitajiet politiċi Maltin li kienu f'karigi prominenti fil-każini tal-baned. Il-każin Pinto kien involut wkoll. Flimkien ma każini oħrajn taw ċerta importanza għat-twelid u l-iżvilup tal-movimenti politiċi.

### Dimostrazzjonijiet u l-Banda

Il-Banda Pinto ħadet sehem f'diversi dimostrazzjonijiet politiċi, uħud minnhom għandhom sinifikat interessanti fi żmien meta Malta kienet għaddejja minn taqlib jew nistgħu nsejħulu żvillup kostituzzjonali. Nsibu li fl-1880 il-Banda Pinto għamlet dimostrazzjoni lil Francesco Decesare sa l-inħawi ta' l-Imgieret fejn kellu razzett. *(ara Peresso Vince, Is-Soċjetà Filarmonika Pinto fl-L-Istorja tal-Każini tal-baned f' Malta u Għawdex Vol. I, pg 78 ta' Michael Schiavone).* Huwa anki ġie mistieden fil-każin ġewwa Ħal Qormi.

Dan Decesare kien involut fix-xena politika Maltija tant li kien uffiċjal tal-gvern ta' dak iż-żmien. Lil Decesare nsibuh wkoll f'kitba ta' rapport tiegħu stess relatat ma' l-ewwel Maltin li emigraw lejn l-Awstralja. Huwa anki organizza l-emigrazzjoni tal-Maltin lejn l-Awstralja.

Nsibu stejjer u rapporti ma' xiex ltaqa' dan il-personaġġ li żar l-Awstralja lejn l-aħħar għoxrin sena tas-seklu dsatax. Decesare kellu sehem sħiħ fl-iżvillup tal-kwistjoni tal-lingwa. Nsibu li hu kien ippropona li jingħata l-vot lil kull min kien jaf jaqra bit-Taljan, bl-Ingliż jew bil-Malti. *(ara Sacco*

*Remig, l-lezzjonijiet Generali 1849-1986, pg 21 & 25)* Mela l-Banda Pinto tat is-sehem tagħha fl-appoġġ lil bniedem meqjus f'dak il-perjodu.

**Il-Każin jilqa' lil ta' Mizzi u jieħu sehem f'Ta' Savona**

Fl-1884 il-każin laqa' lill-kunsilliera eletti fi ħdan il-Partit ta' Fortunato Mizzi li kien Għawdxi iżda twieled il-Belt Valletta. Fortunato huwa meqjus bħala personaġġ mill-aktar importanti fil-kamp politiku konservattiv f'Malta. Huwa kien imexxi lil *partito anti-riformista* filwaqt li kien ta' x'jogħmod lill-Ingliżi meta beda' jitfa' pressjoni qawwija għall-iżvillup kostituzzjonali billi tella' żewġ illiterati fil-kunsill tal-gvern. Lejn tmiem is-sena 1883 saret l-elezzjoni għal kunsill tal-gvern fejn minn għaxart elef ruħ vot eleġibli nxteħtu ftit anqas minn sitta u għoxrin fil-mija biss. *(ara Sacco Remig, Idem)*

Ta' Mizzi kienu sebgħa fil-kunsill u dawn ġew mistiedna f'ċerimonja fil-Każin f'mument meta il-kwistjoni tal-lingwa kienet fl-aqwa tagħha. Fil-fatt aktar kmieni fis-sena 1884 f'seduta tal-Kunsill tħabbar li l-Ministru tal-Kolonji iddeċieda li jdaħħal l-pari-passu jiġifieri li fl-iskejjel mat-Taljan ġie introdott it-tgħalim ta' l-Ingliż.

Il-Każin Pinto tista' tgħid li daħal b'ruħu u ġismu fil-kwistjoni tal-lingwa meta kellek żewġ blokki, dawk ta' Savona (favur l-Ingliż) u dawk ta' Mizzi (favur it-Taljan). Tajjeb li ngħidu li l-baned ta' dak iż-żmien kienu normalment imexxija minn diversi nies distinti tar-raħal. Dawn ilkoll kienu meqjusin bħala l-professjonisti u jappoġġjaw lil ta' Mizzi filwaqt li l-klassi tal-ħaddiema u n-negozjanti kien jaqblilhom li jappoġġjaw lil Savona għax ma' l-Ingliżi setgħu jikluha tajjeb. Fl- 1888 flimkien ma' għaxar baned oħra ta' Pinto ħadet sehem f'dimostrazzjoni mill-Furjana sal-Belt wara l-ħatra tal- kunsilliera ġodda fil-gvern. Ta' min jgħid li l-kunsilliera l-ġodda nħatru taħt kostituzzjoni ġdida li tat rappreżentanza f'żewġt kmamar, dik tas-senat u dik tal-kunsill tal-gvern. Fl-1891 il-banda kienet involuta f'dimostrazjzoni oħra għal ħatra ta' Siġismondo Savona fil-kunsill tal-gvern *(ara Peresso Vince, Idem pg 79)* Savona kien imexxi l-grupp tar- riformisti filwaqt li aktar tard nsibu bħala l-ewwel mexxej u wieħed mill-fundaturi tal-Partit Laburista.

**Kwistjoni Politika u Każin ieħor**

Lejn tmiem is-seklu jiġifieri fl-1893 qamet kwistjoni politika' oħra li kawża tagħha infetħet banda oħra f'Ħal Qormi. Filfatt qamet kwistjoni taħraq bejn il-Kunsill tal-Gvern u l-Kurja fuq il-legati taż-żwiġijiet. Nistgħu ngħidu li din il-kwistjoni fetħet it-triq għar-relazzjonijiet xejn tajba bejn l-Istat u l-Knisja. Ir-raħħala kienu mmexxija minn Gvernatur Protestant u ddutrinati minn Knisja Kattolika li kellha min jrewħilha minn fuq il-pulptu biex tikkontrolla l-imħuħ.

Il-kwistjoni ta' żwiġijiet mħallta ġiet meta seħħew relazzjonijiet sesswali ma' nies minn pajjiżi oħra reliġjonijiet differenti. *(ara Frendo Henry, Storja ta' Malta Żmien l-Ingliżi is-seklu dsatax, Vol. III, pg 255)* Nsibu li s-segretarju ta' l-Isqof, Dun Salv Chircop ried jinqeda bin-nies u l-Banda Pinto nhar il-festa ta' San Massimo u jagħmel dimostrazzjoni f'Ħal-Qormi. *(ara Peresso Vince Idem)* F'dak iż-żmien il-festa' ta' San Bastjan kienet għadha meqjusa bħala sekondarja u din l-festa' f'ġieħ San Massimo kienet tkun iċċelebrata bl-akbar pompa.

Għalhekk wieħed jista' jobsor x'kellu f'moħħu Chircop, biex jiġbor l-kotra wara dak li ddetalu l-isqof. Jidher li qam nuqqas ta' qbil fost is-soċi u l-membri tal-kumitat wara li kien hemm min kien kontra li l-banda tieħu sehem u oħrajn li ħeġġew biex il-każin jinvolvi ruħu. Kawża ta' dan in-nuqqas

eta' qbil, fetħet banda oħra bl-isem ta' Societa Filarmonica San Giorgio. F'dan iż-żmien il-banda Pinto ħadet l-laqam tal-Qalba għalkemm hemm argumenti li dan il-laqam kien jintuża qabel.

**Konklużjoni**

B'din l-aħħar kwistjoni fis-seklu dsatax fejn insibu lil Każin Pinto jiżfen fin-nofs għal diversi drabi inżid ngħid li kien inevitabli li l-baned ma jinvolvux ruħhom fil-kwistjonijiet politiċi. Irridu niftakru li kien żmien ġdid meta s-soċjeta' Maltija kienet qed tinfetaħ u bdew deħlin kurrenti ġodda li heddew l-element tradizzjonali, filwaqt li Malta esperjenzat qawmien kulturali u politiku.

Illum il-ġurnata nafu li l-każin Pinto skond l-istatut preżenti ma jippermettix membri fil-kumitat li jkollhom sehem attiv fil-politika. Fi ftit snin oħra s-Soċjeta' Filarmonika Pinto, Banda San Sebastjan mistennija tiċċelebra l-mija u ħamsin sena mill-bidu tagħha. Wieħed għandu japprezza l-ħidma kontinwa ta' nies li fil-passat u li anki fil-preżent wettqu b'riżq il-każin. Għal kważi seklu u nofs din is-Soċjeta' kienet fuq quddiem nett fl-iżvillup kulturali ta' pajjiżna. Nawgura l-festa' t-tajba lil kullħadd.

*Referenzi*


- Frendo Henry, Party Politics in a Fortress Colony, Malta 1979
- Frendo Henry, Storja ta' Malta Imien l-Inglizi is-seklu dsatax, Vol. III, Malta 2004
- Ganado Herbert, Rajt Malta Tinbidel, Vol. IV, Malta 1977
- Ed. Mizzi Paul, Heritage, An encyclopedia of Maltese culture and civilization
- Peresso Vince, Soċjetà Filarmonika Pinto fl-Istorja tal-Każini tal-baned f' Malta u Għawdex Vol. I, Malta 1997 ta' Michael Schiavone.
- Sacco Remiġ, L-Elezzjonijiet Ġenerali 1849-1986, Malta 1986
- Sydney Journal, March 2008



BOUTIQUE AND SHOE SHOP




*We specialise in Ladies, Gents & Children's Wear, Underwear & Footwear*

All available at Genuine Prices!

**44, St. Bartholomew Street, Qormi • Tel. 2148 6175**